MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 702/1998/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Anthony Attard u b'digriet tat-2 ta' Frar 2001 Maria Dolores Attard, mart il-konvenut, giet kjamata in kawza.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhiex tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u disghin lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm297.71) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 336248 (skond kif jirrizulta mill-'statement' anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond Flat/1, No. 19, Sacred

Heart Ave., San Giljan u dana skond ma kif jidher mid-Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjai tat-18 ta' Lulju 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 sa fol 10 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-avviz odjern huwa null skond il-ligi billi l-konvenut Anthony Attard huwa ragel mizzewweg, il-mara tieghu jisima Maria Dolores Attard, u purche l-konjugi ATTARD jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti kontenzjuza, u qieghdin jghixu separati 'de facto', biss odjernament u certament fl-14 t'April, 1998, kienu, kif ghadhom, legalment mizzewgin u mhux 'de jure' sseparati, u ghalhekk skond il-ligi kellhom jigu mharrka l-konjugi ATTARD u mhux biss il-konvenut Anthony Attard.

2. Illi in linea preliminari wkoll, il-Maltacom p.l.c. trid tissostanzja b'dokumentazzjoni awtentici li hija s-successur fil-ligi tat-Telemalta Corporation li mieghu kien hemm abboniment tas-servizz telefoniku bin-numru 336248, billi l-konvenut Attard Anthony qatt ma kellu xi rabta kuntrattwali mal-Maltacom p.l.c. imma mat-Telemalta Corporation.

3. Illi l-avviz huwa null ukoll in linea preliminari peress illi huwa vag, ma giex il-konvenut notifikat la bid-dokument 'A' u lanqas bid-dokument 'B', skond kif suppost biex il-konvenut ikun jista' jirregola l-eccezzjonijiet tieghu, u fuq kollox m'hemmx indikat ghal liema perijodu s-somma ta' mitejn u sebgha u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm297.71,0) qieghda tirreferi, u kwindi l-konvenut mhux f'qaghda li jirregola ruhu li tali allegat ammont ta' mitejn u sebgha u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm297.71,0) huwa verament dovut.

4. Illi fil-mertu l-fond numru 19, appartament numru 1, f'Sacred Heart Avenue, gewwa San Giljan, huwa d-dar konjugali tal-konjugi Attard, u s-servizz tat-telefon bin-numru 336248 ilu li nqata' ghal numru ta' snin, u ghaldaqstant kwalsijasi talba li qieghda taghmel il-Maltacom p.l.c., minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet in linea preliminari hawn fuq sollevati, hija preskritta skond il-ligi u ghaldaqstante zgur illi l-konvenut Anthony Attard, wiehed jerg' jirrepeti minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet in linea preliminari sollevati aktar'il fuq fl-eccezzjonijiet precedenti, m'humiex dovuti a bazi tal-preskrizzjoni.
5. Illi fil-mertu wkoll it-talbiet attrici huma in fondati kemm legalment u kemm bhala stat ta' fatt, u dana mhux biss a bazi ta' l-eccezzjonijiet fuq sollevati, imma ta' sottomissjonijiet ohra ta' natura legali u ta' fatti li jigu sottomessi fil-mori ta' din il-kawza.
6. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-digriet taghha precedenti moghti fil-11 ta' Frar 2003 (fol 21 u fol 48 ibid) kif ukoll dak moghti fl-14 ta' Mejju 2001 u li bih giet kjamata in kawza, mart il-konvenut, Maria Dolores Attard (Fol 33 ibid).

Rat illi l-istess kjamata in kawza, avolja notifikata, ma ikkontestatx it-talba attrici (ara ukoll il-kapitolu tas-socjeta attrici a fol 39 ghas-subizzjoni tal-istess kjamata in kawza kif ukoll dak verbalizzat fol 40 tal-istess atti).

Rat is-sentenza preliminari moghtija fil-11 ta' Frar 2003 (fol 47 et seq ibid) u li permezz taghha gew kunsiderati u decizi l-ewwel tlett eccezzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher a fol 9 tal-istess atti, il-konvenut issottometta li l-azzjoni odjerna hi preskritta. Pero l-istess konvenut ma specifikax ghal liema artikolu tal-ligi jew dekorrenza ta' terminu kien qed jirreferi. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, kunsiderata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-azzjoni kif proposta, l-istess Qorti tista' tghaddi sabiex tiddeciedi l-meritu tal-kawza.  Dwar dan issir referenza oltre ghad-dokumenti a fol 2 u fol 3 tal-atti, ghax-xhieda tal-Prokuratur Legali Noel Scerri (fol 54 sa fol 56 tal-atti) li kkonferma li l-ammont mitlub kien ghadu dovut.  Dwar dan l-istess xhud ippresenta 'statement' dettaljat dwar l-istess ammont, iema dokument jinsab a fol 56 tal-atti.

Illi ghalhekk, l-ammont mitlub jidher li hu dovut mill-konvenut u martu, li ma kkontestatx it-talba attrici (ara l-imsemmi Kapitolu a fol 39 ibid).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut u l-kjamata in kawza sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm297.71,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Lulju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------